MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 144/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Guccio Gucci S.p.A.**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u PL Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` AltaWareg. Co.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Is-socjeta` attrici Guccio Gucci S.p.a. maghrufa sew madwar id-dinja inkluz f`Malta, *inter alia* in konnessjoni ma` arloggi tal-idejn, hija proprjetarja ta` diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni ma` l-istess negozju;

2. B`hila u b`invenzjoni, kif ukoll b`hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni man-negozju taghha u mat-*trademarks* taghha relattivi ghall-istess;

3. Fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha validament rregistrati f`Malta *it-trademarks* bin-numri ta` registrazzjoni 37175 – "GUCCI" (kelma, b`effett mill-14 ta` Ottubru, 2002), 14944 – tarka "GUCCI" (b`effett mis-6 ta` Novembru, 1981), 18936 – tarka "GUCCIO CUCCI" (b`effett mis-27 ta` April, 1989) u 18944 – tarka "GUCCIO G.", (ukoll b`effett mis-27 ta` April, 1989), u dan *inter alia* dwar prodotti konsistenti f`arloggi tal-idejn;

4. Inoltre, is-socjeta` attrici ghandha rregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM), bin-numri 000121988 u 004107546 rispettivament, il-markji "GUCCI" (kelma) u "GUCCI" (tikketta), u b`effett mill-1 ta` April, tal-1996 u mit-3 ta` Novembru, 2004 rispettivament, u dan f`kull kaz *inter alia* dwar prodotti f`kategoriji li fihom jaqghu prodotti konsistenti f`arloggi tal-idejn;

5. Is-socjeta` attrici hija *"detentrici ta` dritt"* u tinsab registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta` l-Edizzjoni Riveduta ta` l-Ligijiet ta` Malta), biex b`hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414;

6. Recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu 4 ta` l-istess Kap. 414, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 2006807 kontenenti arloggi tal-idejn li fuqhom hemm diversi sinjali miktubin b`mod promenenti, kif ukoll tarka "GUCCI" fosthom il-kelma *"GUCCI"* liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta ALTAWAREG. CO skond kif ndikat fuq il-polza ta` karigu relattiva, u l-

istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f`cirkustanzi suspetti, u dan sabiex isiru l-investigazzjonijiet opportuni minn naha tal-istess socjeta` attrici;

7. Is-socjeta` attrici giet ufficcjalment mgharrfa bis-sejbiet ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relattivi ta` ligi fil-11 ta` Jannar, 2007, u wara li ezaminat ritratti elettronici ta` kampjuni ta` dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali;

8. Effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta` din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-socjeta` attrici bhala elf u hamsin (1050), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta` ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta` dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artiklu 91 tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark,* kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416) tal-artiklu 76A (1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;

9. Wara li s-socjeta` attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, gie lill-istess socjeta` attrici prefiss terminu sat-8 ta` Frar, 2007 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. L-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-artikli konsistenti f`arloggi tal-idejn, liema oggetti lkoll jikkontjenu diversi sinjali fosthom il-kelma “GUCCI” miktubin b`mod prominenti, kif ukoll tarka “GUCCI” u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx ta` l-*container* ECMU 2006807 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta` - l-konvenuta;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-digriet tas-27 ta` Gunju, 2007 li bih gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-PL Hilda Ellul Mercer biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Altawareg Co.

Rat ir-risposta ta` l-imsemmija kuraturi deputati fejn dawn jeccepixxu illi:

1) F`dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta`

assenti minnhom rappresentata u ghal dan il-ghan ir-rikorrenti noe ghandu jipprovdi lill-intimati kuraturi deputati kull indirizz li jista` ghandu tas-socjeta` assenti sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw maghha.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Jirrizulta li l-fatti kif elenkati fir-rikors promotur gew pruvati kemm mill-affidavit ta` George Agius Fizzjal tad-Dwana ta` Malta u mid-dikjarazzjoni ta` l-espert Alfredo Focareta. Dawn il-provi ma gew kontestati bl-ebda mod.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati, taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotur, tilqa` t-tieni talba u tordna lill-Kontollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi l-merkanzija fuq imsemmija u dan sa mhux aktar tard minn xahar minn dakinhar li jigi notifikat, a karigu tar-rikorrenti, b`kopja awtentikata ta` din is-sentenza, tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata mid-distruzzjoni idahhal nota fl-atti ta` din il-kawza li biha jgharraf lill-Qorti bl-esekuzzjoni ta` l-ordni moghtija b`din is-sentenza, tastjeni milli tiehu kionjizzjoni tat-tielet talba, tilqa` r-raba` talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b`dana illi d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provvisorjament mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------